MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 1025/15 LM

**Andrew Pisani (Karta tal-Identità Numru 265082M)**

***vs.***

**Victor Attard (Karta tal-Identità Numru 120563M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-29 ta' Ottubru, 2015 mill-attur **Andrew Pisani** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

*Illi fit-12 ta' Marzu, 2013 seħħ inċident tat-traffiku fejn waqt li kienet qed tinstaq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBB 012 mill-konvenut, dan laqat u b'konsegwenza ġibed wires u cables li konsegwentement qelbu ħajt u ġebel fuq l-attur fi Triq Camenzuli, Tas-Sliema (Dok. AP1);*

*Illi dan l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut Victor Attard minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-*

*traffiku da parti tagħhom u għalhekk huma responsabbli għal dan l-inċident u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur;*

*Illi inoltre l-esponent sofra u qiegħed isofri minn danni sija ta' damnum emergens kif ukoll lucrum cessans;*

*Illi minħabba dan l-inċident l-attur ġie ddikjarat li sofra 5% diżabilità permanenti (Dok. AP2 & AP3);*

*Illi s-soċjetà Untours Insurance Agency Ltd kienet l-assiguratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBB 012 fil-mument tal-inċident fuq imsemmi għalhekk hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attur a tenur tal-Ordinanza dwar Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni – Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta – nonostante li kwalunkwe restrizzjoni li jista' jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni minnhom maħruġa għall-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni KBB 012 – u dan kif jipprovdi artikolu 12 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi minkejja li l-istess Victor Attard u s-soċjetà assikuratriċi tiegħu Untours Insurance Agency Ltd ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 16 ta' Ottubru, 2011 (DOK. AP4) sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-istess Andrew Pisani, dawn baqgħu inadempjenti;*

*Illi bl-istess ittra uffiċjali mibgħuta fid-data hawn fuq indikata l-attur informa lill-konvenuti d-dannu minnu sofferti huma soġġetti għall-imgħax legali tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma mitluba u dan għandu jibda jiddekorri mid-data tal-ittra uffiċjali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż l-Artiklu 1141(2) tal-istess, mingħajr preġudizzju wkoll għad-dritt tal-attur li jitlob ukoll l-imgħaxijiet legali fuq l-ammont tad-danni ulterjuri lilhom dovut minħabba d-dewmien tagħhom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Illi għalhekk il-konvenuti għandhom jiddikjaraw għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Victor Attard unikament responsabbli għall-inċident fuq imsemmi fit-12 ta' Marzu, 2013 fi Triq Camenzuli, Tas-Sliema, li fih ġie mweġġa' Andrew Pisani;*
2. *Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrent l-attur in konsegwenza tal-istess inċident;*

3. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi d-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*
4. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa wkoll obbligat li jħallas l-imgħaxijiet legali bil-mod kif mitluba fl-ittra uffiċjali fis-16 ta' Ottubru, 2014;*
5. *Tillikwida dawn l-imgħaxijiet legali dovuti mill-konvenut lill-attur sal-ġurnata tal-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas dan l-ammont hekk likwidat;*
6. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut iħallas l-imgħaxijiet ulterjuri dovuti fuq id-danni dovuti lill-attur mid-data tas-sentenza sal-jum tal-pagament effettiv;*
7. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa wkoll responsabbli versu l-atturi għad-danni derivanti mid-dewmien tagħhom li jħallsu d-danni lill-attur oltre d-danni mitluba fir-raba' talba tal-attur.*

*Bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tas-16 ta' Ottubru, 2014 kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Victor Attard** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Frar, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-responsabbiltà għall-inċident stradali li seħħ fit-tnax (12) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija ammessa iżda ma sarx ftehim dwar il-quantum dovut;*
2. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*
3. *Salvi eċċezzjonijiet oħrajn permessi bil-liġi.*

*Dikjarazzjoni:*

1. *Illi r-responsabbiltà għall-inċident stradali li seħħ fit-tnax (12) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija ammessa iżda ma sarx ftehim dwar il-quantum dovut;*
2. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*
3. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' April, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

F'din il-kawża, il-Qorti qiegħda tintalab tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-attur in segwitu għal inċident stradali li kienu involuti fih il-partijiet, u li ħalla lill-attur isofri minn diżabilità permanenti kawża tal-ġrieħi li sofra fl-inċident. L-attur kien fi Triq Camenzuli f'Tas-Sliema, bilwieqfa fuq bankina, meta *truck* tal-i*skips* misjuq mill-konvenut għadda mill-istess triq u ġibed miegħu *cables* u *wires* li kienu mdendlin ma' ħajt partikolari, bir-riżultat li parti mill-ħajt ċeda u l-knatan li waqgħu weġġgħu lill-attur billi laqtuh f'diversi partijiet ta' ġismu, inkluż f'rasu u fuq saqajh. L-attur ittieħed l-isptar b'ambulanza u ftit tal-ħin wara ġie operat f'saqajh, u wara li ġie rilaxxat mill-Isptar, ħtieġlu jkompli bit-trattament u bil-kura għal diversi xhur sakemm irkupra saħħtu u l-funzjoni ta' saqajh. L-attur kien jaħdem bħala *electrician* fiż-żmien tal-inċident, u xogħlu kien li jagħmel manutenzjoni fuq tagħmir tal-arja kundizzjonata, xogħol li kien jinvolvi tlugħ fuq slielem u ħinijiet twal fuq saqajh. Ġara li wara l-inċident li kellu, u minkejja li beda għaddej iż-żmien, hu baqa' qatt ma rkupra mija fil-mija, tant li beda jinnota li ma setax iqatta' ħafna

ħin fuq saqajh għaliex dawn jibdew jintefħu, u lanqas ma seta' jibqa' jitla' s-slielem jew jiġri kif kien qabel. Dan wasslu biex kellu jieħu d-deċiżjoni li jibdel in-natura tax-xogħol li kien jagħmel, u filwaqt li fiż-żmien ta' qabel l-inċident l-attur kien jaħdem bħala *self-employed* u kien qiegħed iħares 'il quddiem sabiex ikabbar in-negozju tiegħu, wara l-inċident kellu saħansitra jieqaf mix-xogħol li kien jagħmel, u ddeċieda li jmur jaħdem f'ħanut tal-merċa fejn xogħlu jinvolvi li joqgħod bilqiegħda mal-*cash register* sabiex inaqqas il-ħin li jqatta' fuq saqajh.

Il-konvenut min-naħa tiegħu mhux jikkontesta dak li ġara jew ir-responsabbilità tiegħu għall-inċident, għalkemm il-partijiet ma qablux bejniethom dwar il-mod kif għandhom jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur. Fil-fatt minkejja li l-kawża tħalliet għall-probabbli tranżazzjoni bejn il-partijiet għal diversi drabi, tali ftehim baqa' ma ntlaħaq qatt u l-partijiet qegħdin jitolbu lill-Qorti taqta' hi l-pendenza li hemm bejniethom.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur ippreżenta kopja ta' rapport mediku li ġie redatt mill-kirurgu **Raymond Aquilina** (espert mediku *ex parte*)[1], x'tip ta' danni sofra l-attur fuq persuntu konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Fil-fatt lill-attur kellhom isirulu punti f'rasu, kif ukoll kellu jiġi operat minħabba ksur li sofra fis-swaba' ta' saqajh il-leminija. Il-kirurgu Raymond Aquilina rrelata li sabiex seta' jitfejjaq il-ksur soffert mill-attur, kien hemm il-ħtieġa li jiddaħħal tip ta' *wire* sabiex

[1] *A fol.* 14, Dok. AP 3 anness mar-rikors promutur

isaħħaħ l-għadam u jgħin fil-fejqan tal-ksur. Hu ddeskriva kif l-attur jidher li għal tul ta' żmien sostna wġigħ u problemi f'saqajh il-leminija, li baqgħet minfuħa, bir-riżultat li għal perijodu twil wara l-inċident, l-attur ma setax jaħdem. Iddeskriva wkoll kif in segwitu għall-inċident kien hemm il-possibilità li l-attur kien qiegħed isofri minn *Sudeck's atrophy,* li hi kundizzjoni li tista' tieħu ż-żmien biex tirrisolvi ruħha, filwaqt li esprima l-biżgħa tiegħu li maż-żmien l-attur jista' jkun li jkollu bżonn interventi kirurġiċi oħra fuq saqajh tal-lemin. Hu kkonkluda billi qal li mill-evalwazzjoni tiegħu seta' jikkonstata li l-attur sofra diżabilità permanenti ta' bejn erbgħa u ħamsa fil-mija (4-5%).

Fl-*affidavit* tiegħu[2], l-attur **Andrew Pisani** ddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident, u qal li hekk kif ħareġ mid-dar tiegħu fi Triq Camenzuli, Tas-Sliema, hu lemaħ lin-nannu tiegħu fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u minnufih qasam biex imur ikellmu. Jidher li waqt li t-tnejn kienu fuq il-bankina, għadda *truck* tal-i*skips* li kien misjuq mill-konvenut, u li minħabba l-għoli tiegħu laqat *cables* u *wires* li kien hemm imdendlin fit-triq, bir-riżultat li parti mill-ħajt li miegħu kienu mdendlin il-*wires* u l-*cables* iġġarraf u waqa' xi ġebel fuq l-attur. Kantun minnhom waqa' fuq ras l-attur, tant li kellhom isirulu xi punti biex jagħlqu l-ferita, filwaqt li kantun ieħor waqa' fuq saqajh u għaffiġhielu kompletament. L-attur kellu jittieħed l-Isptar għal aktar kura, u fil-fatt kellu jsirlu intervent kirurġiku f'saqajh minħabba n-natura tal-ġrieħi li sofra. L-attur xehed kif minħabba f'dan l-inċident u l-intervent li sarlu, hu ħtieġlu juża l-krozzi għal żmien twil, kif ukoll għal żmien twil wara l-inċident kien għadu jbati minn uġigħ u minn diversi debilitajiet, u dan minkejja li dam rikoverat madwar erba' xhur.

---

[2] *A fol.* 23.

L-attur jispjega kif fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kien jaħdem għal rasu bħala *electrician,* u kien qiegħed jiffoka fuq il-qasam tat-tagħmir tal-arja kundizzjonata. F'dak iż-żmien hu kien qiegħed jiffoka fuq kif ser iżid il-klijenti tiegħu, iżda hekk kif seħħ l-inċident hu tilef il-klijenti kollha li kellu minħabba li ma setax jikkommetti ruħu magħhom għal data meta kien ser ikun f'qagħda li jaqdihom. Hu qal li spiċċa mingħajr introjtu fi żmien meta kellu bżonn tant flus b'rabta ma' spejjeż mediċi u visti għand it-tobba.

L-attur jgħid li minkejja li beda għaddej iż-żmien, hu xorta waħda ma kienx tajjeb biżżejjed biex jirritorna għax-xogħol, u wara ftit ħin jimxi beda jħoss li qiegħed jgħejja u li jkollu bżonn jistrieħ. Fil-fatt ma damx ma rrealizza li x-xogħol li kien jagħmel qabel ma kienx għadu jgħodd għalih, u dan minħabba li ma kienx għadu jiflaħ jitla' slielem u jqatta' ħinijiet twal fuq saqajh. Kien f'dan il-perijodu li l-attur iddeċieda li jieqaf mix-xogħol ta' *electrician* u mar jaħdem f'ħanut tal-merċa, fejn għandu inqas strapazz.

L-attur esebixxa l-*profit & loss statements* ippreparati mill-*accountant* tiegħu, għas-snin immedjatament qabel seħħ l-inċident – l-2011 u l-2012.[3] Fil-fatt jirriżulta li l-qligħ nett tal-attur għas-sena 2011 kien ta' tmint elef, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€8,793.25), filwaqt li l-qligħ nett għas-sena 2012 kien ta' tmint elef, mitejn u disa' Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€8,209.62).

Fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015, l-avukat difensur tal-attur talab is-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Untours Insurance Agency Limited, bħala aġenti tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company, u dan bħala l-assikuratriċi tal-

[3] *A fol.* 27 u 28.

konvenut. Fl-udjenzi tal-11 ta' April, 2016, tat-30 ta' Mejju, 2016, u f'dik tat-13 ta' Lulju, 2016, il-partijiet kienu qegħdin jinfurmaw lill-Qorti li kienu waslu viċin ħafna li jittransiġu, iżda fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2016, il-Qorti ġiet infurmata li t-tranżazzjoni ma seħħitx u ġiet mitluba tkompli tisma' l-provi.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016, xehed l-attur **Andrew Pisani** *viva voce*[4], u dan ikkonferma l-problemi li ddeskriva fl-*affidavit* tiegħu, bħala konsegwenza tal-inċident. Mistoqsi dwar kemm dam ma jaħdimx minħabba l-inċident, l-attur ikkonferma li dam xi ħames jew sitt xhur ma jaħdimx, u meta reġa' pprova jirritorna lura għax-xogħol li kellu qabel, irrealizza li dak ix-xogħol ma kienx għadu jgħodd għalih minħabba li kif kien jistrapazza siequ kienet tibda tintefaħ. Fil-fatt għamel perijodu wieqaf mix-xogħol sakemm biddel il-ġeneru tax-xogħol tiegħu.

Fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2016, il-partijiet ressqu nota konġuntiva li permezz tagħha talbu lill-Qorti tgħaddi għall-ħatra ta' espert mediku sabiex jirrelata dwar l-inċident, dwar l-istat ta' saħħa tal-attur, u jekk konsegwenza ta' dak li ġara l-attur sofriex minn debilità permanenti u f'liema grad. Il-Qorti ħatret lil **Mr Raymond Gatt** għal dan l-iskop.

L-eżami mediku tal-attur sar nhar it-22 ta' Frar, 2017[5], u l-espert mediku seta' jikkonstata li kawża tal-inċident, l-attur sofra minn qasma fuq rasu fuq in-naħa tax-xellug, fejn kellu bżonn li jsirulu xi punti, daqqa ta' ġebla fuq spalltu tax-xellug, li però la kkawżatlu ksur u lanqas feriti, u daqqa ta' kantun fuq il-pala ta' saqajh il-leminija, fejn ġarrab ksur fil-*metatarsal heads* tat-tieni u t-tielet

[4] *A fol.* 40 sa 43.
[5] Rapport *a fol.* 59 sa 62.

saba' u kiser l-għonq tar-raba' saba'. L-espert mediku maħtur mill-Qorti kkonferma li l-attur ġie operat fil-pala ta' siequ tal-lemin, u dam ġej u sejjer l-isptar għal erba' xhur wara l-inċident, filwaqt li kien ilu taħt kura speċjalista ortopedika għal tliet snin. L-espert mediku kkonferma li kawża tal-inċident, l-attur isofri minn nefħa fil-pala ta' siequ meta jdum bilwieqfa, ikun hemm drabi meta jkollu bżonn jieħu pilloli tal-uġigħ, u meta jkollu n-nefħa f'saqajh ikollu jserraħha u jagħmlilha s-silġ. Irriżulta wkoll mill-vista tal-espert mediku fuq l-attur, li filwaqt li qabel l-inċident l-attur kien kowċ tal-futbol ta' żgħażagħ taħt il-ħmistax/sbatax-il sena, issa jista' jlaħħaq biss ma' tfal ta' taħt id-disa' snin, minħabba li ma jistax jiġri fit-tul.  Minn dak li kkonstata l-espert mediku Mr Gatt waqt l-eżami tal-attur, ġie konkluż li d-diżabilità permanenti tal-attur hi ta' wieħed fil-mija(1%).

Id-difensur tal-attur għamel l-eskussjoni ta' Mr Ray Gatt fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018, u dan wieġeb li hu kien ikkonsulta l-*medical records* tal-pazjent kif ukoll l-x-rays li ttieħdulu fl-Isptar iżda mhux biex jagħmel analiżi komparattiva tar-riżultati. L-espert mediku maħtur mill-Qorti kkonferma li d-diżabilità ta' 1% setgħet tiġi kkonstatata minħabba li meta eżamina lill-pazjent innota n-nuqqas ta' ġog fit-tieni saba' u kkonferma li dan hu attribwit għall-fatt li l-għadma għaqdet ħażin, bis-sintomi kollha li jbati l-pazjent. L-espert mediku kkonferma wkoll li bil-passaġġ taż-żmien, il-probabbilità li l-attur ikollu bżonn intervent kirurġiku ieħor, qiegħda dejjem tonqos.

## Konsiderazzjonijiet Legali

Għall-Qorti huwa ċar li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident sfortunat li fih safa mweġġa' l-attur u dan fil-fatt mhuwiex ikkontestat u ġie ammess mill-konvenut. Mill-provi mhux kontradetti, jirriżulta li minkejja li l-konvenut kien qiegħed isuq *truck* għoli tal-i*skips*, dan naqas milli josserva waħda mill-aktar regoli bażiċi fis-sewqan, dik li jżomm *a proper lookout*[6] għal dak kollu li kien qiegħed iseħħ fil-viċinanzi immedjati tiegħu, tant li meta laqat il-*cables* jew il-*wires* li kienu qegħdin jorbtu ma' ħajt fit-triq, hu baqa' għaddej u ġibed lilhom bil-ħajt b'kollox. Fid-dawl ta' dan hi ġustifikata t-talba tal-attur sabiex il-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnu, u f'dan il-kuntest jidher li t-talbiet tal-attur huma sabiex il-Qorti tillikwida kemm dak li jissejjaħ *damnum emergens* kif ukoll il-*lucrum cessans.* Id-danni emerġenti, huma d-danni attwali sofferti minn individwu, bħalma huma spejjeż ta' visti mediċi, spejjeż farmaċewtiċi, kif ukoll telf attwali ta' introjtu minn xogħol li wieħed ikun jagħmel. Minkejja li kemm fil-kontroeżami li sar lill-attur, kif ukoll fit-trattazzjoni li saret mid-difensur tal-attur, sar riferiment għal irċevuti ta' spejjeż attwalment inkorsi mill-attur, fattwalment dawn l-irċevuti ma ġewx ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża, u għaldaqstant, in vista tal-fatt li tali danni ma jirriżultawx mill-atti, din il-Qorti ma tistax tgħaddi biex tikkwantifika minn jeddha kemm huma d-danni emerġenti sofferti mill-attur kawża ta' din l-inċident. Huwa prinċipju ewlieni fis-sistema tad-dritt tagħna li l-Qorti ma tistax tibbaża ruħha fuq dak li ma jinsabx in atti, in linea mal-prinċipju li *quod non est*

---

[6] Dan il-kunċett ġie spjegat mill-Qrati Ingliżi f'sentenza mogħtija fl-1968, fl-ismijiet **Newhaus N.D. *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd** (1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A), fejn il-Qorti qalet hekk: *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

*in actis non est in mundo,* u għalhekk it-talba tal-attur f'dan ir-rigward ma tistax tintlaqa'.

Talba oħra li ressaq l-attur permezz tal-azzjoni tiegħu hi għal-likwidazzjoni ta' danni magħrufa bħala *lucrum cessans,* regolata bl-artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 (il-Kodiċi Ċivili) li jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni:

> 'Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.'

Il-formula matematika applikata mill-Qrati tagħna tinħadem fuq komputazzjoni tal-paga medja tal-persuna li tkun sofriet dannu, multiplikata mal-*multiplier* li jvarja minn każ għal każ, iżda li hu intrinsikament marbut mal-età probabbli sal-pensjoni[7], multipilikata bil-perċentwal tad-diżabilità permanenti sofferta, bi tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) tenut kont tal-fatt li l-persuna tkun qiegħda tirċievi *lump sum payment.* F'sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Peter Magro *vs.* Emmanuel Grima**[8], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġat, u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjat."

[7] Il-*multiplier* is-sistema tagħna tħallieh interament fid-diskrezzjoni tal-ġudikant. F'sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Lambert *vs.* Buttigieg**, nhar it-18 t'April, 1963, il-Qorti stabbiliet illi "f'din il-materja ta' *lucrum cessans*, il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qligħ hu ħaġa ta' possibilità u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn moment għall-ieħor anke għal kwalunkwe każ materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."

[8] 31.10.2012.

Mill-provi jirriżulta li l-attur, li sofra diżabilità permanenti ta' wieħed fil-mija (1%) b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni[9], kellu wieħed u tletin sena (31) meta kellu l-inċident. Mill-*profit & loss statements* esebiti għas-snin immedjatament qabel seħħ l-inċident, l-2011 u l-2012, jirriżulta li hu kellu dħul medju ta' tmint elef, ħames mija u Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€8,501.44) f'dawn is-sentejn li fihom kien qiegħed jipprova jirranka fin-negozju tiegħu. Il-Qorti ser tieħu dan bħala bażi ta' introjtu medju tal-attur. Ma' dan ser jiżdied 24%[10] tal-imsemmi introjtu, u ċjoè s-somma ta' €2,040.24 biex tagħmel tajjeb għal żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier.* Il-*multiplier* għalhekk ser jiġi kkalkulat fuq introjtu medju ta' għaxart elef, ħames mija u wieħed u erbgħin Euro (€10,541). Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti qiegħda tadotta *multiplier* ta' 25 in vista tas-snin li l-attur kien għad irid jaħdem sal-età tal-irtirar[11], filwaqt li d-diżabilità permanenti sofferta minnu hi ta' wieħed fil-mija (1%) u dan hekk kif stabbilit mill-espert maħtur mill-Qorti, biex b'hekk l-ammont ta' danni likwidati bħala *lucrum cessans* jammonta għal elfejn, sitt mija, ħamsa u tletin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,635.25) li meta ridotti b'għoxrin fil-mija (20%) in vista tal-fatt li ser ikun hemm *lump sum payment* l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum*

---

[9] F'dan ir-rigward il-Qorti tħoss li m'għandhiex tiddipartixxi minn dak li ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur minnha, li eżamina lill-attur u rrelata dwar dak li rriżultalu. Di più l-espert mediku maħtur mill-Qorti żamm ferm mal-opinjoni esperta tiegħu anki wara d-domandi li sarulu in eskussjoni. Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tissellef minn dak stabbilit f'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ġunju, 1967, fl-ismijiet **Bugeja *et vs.* Muscat *et,*** fejn il-Qorti stabbiliet illi: "*Il giudizio dell'arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija għat-talba għan-nomina ta' perit addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokkè ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli."

[10] Bħala rata ta' inflazzjoni annwa qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni għal dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}

[11] F'sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Jannar, 2012, fl-ismijiet **Mario Mifsud vs Roderick Azzopardi,** il-Qorti kienet innutat li mhux dejjem ittieħdet l-istess linja ta' *multiplier* bir-riżultat li s-sentenzi kienu qegħdin ivarjaw fil-*multiplier* adottat f'ċirkostanzi ta' etajiet simili. "Żgur li ripetetutament ġie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif konċepita ma tiħux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva fit-totalità tagħha." Kien għalhekk li l-Qorti pproponiet skeda li għandha tintuża minn konsulenti legali u minn ditti tal-assigurazzjoni bħala linja gwida tal-mod kif għandu jinħadem il-*multiplier.* Għal xi ħadd li qiegħed fl-età ta' bejn il-31-35 sena, il-*multiplier* ġie stabbilit li għandu jkun ta' 25.

*cessans* jammonta għal elfejn, mija u tmien Euro u għoxrin ċenteżmu (€2,108.20). Il-Qorti temmen li ma kienx hemm dewmien bla bżonn f'dawn il-proċeduri, u għalhekk tħoss li m'għandhiex takkorda tnaqqis differenti minn dak imsemmi mis-somma likwidata.

L-attur talab ukoll lill-Qorti tiddeċiedi li l-imgħaxijiet legali għandhom jibdew jgħoddu mid-data tal-interpellazzjoni ġudizzjarja li fiha l-konvenut intalab iħallas id-danni sofferti mill-attur. Madanakollu, in vista tal-fatt li d-danni sofferti mill-attur ma kinux f'ammont li seta' jiġi likwidat jew determinat qabel ġiet deċiża din il-kawża, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-imgħaxijiet fuq l-ammont dovut mill-konvenut għandhom jibdew jgħoddu biss mid-data ta' din is-sentenza.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba attriċi u u tiddikjara li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ unikament ħtija tal-konvenut;**

3. **Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi u tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' elfejn, mija u tmien Euro u għoxrin ċenteżmu (€2,108.20);**

4. **Tiċħad ir-raba', il-ħames, is-sitta u s-seba' talbiet attriċi;**

5. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza, bl-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ottubru, 2014.**

Moqrija.